Ref Nru 11

Il-minuti tal-hdax il-laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar l-Erbgha 30 ta' Marzu 2016, fis-6:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tad-disa` laqgha.

2.1 Peress li l-minuti tas-disa` laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija.

2.2 Is-Sindku ppropona li ghandha jsir korrezzjoni fil-minuti. Huwa semma li din ghandha jsir f'materja ohra l-ewwel paragrafu fejn l-ewwel sentenza ghandha tinqara hekk: "Is-Sindku semma li jkun hemm okkazzjonijiet fejn c-*chits* li jkun fihom l-ammont ta' konkos li jingab mhux qed ikunu iffirmati mill-haddiema taghna ghalhekk huwa ssuggerixxa li tinbeda sistema fejn kull tlett xhur ghandhom jiltaqghu l-Perit u l-kuntrattur sabiex il-Perit ikejjel l-ammont ta' yardi li jkun ingab".

2.3 Il-Kunsill approva dan u wara l-minuti gew approvati.

## 3 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 02680/08 fil-barriera tal-blat tal-qawwi numru 10 Ghar id-dar, limiti l-Qala.

3.1 Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 02680/08 fil-barriera tal-blat tal-qawwi numru 10 Ghar id-dar, limiti l-Qala. Il-Kunsill studja ftit il-pjanti. Gie diskuss li importanti li ma jinghatax permess in-naha tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Il-Kunsill fl-ahhar iddecida li ghalissa ghandna tintbghat ittra lill-MEPA fejn jigi mitlub li l-Kunsill jixtieq jkun *registered objector* sabiex jistudja din l-applikazzjoni halli jressaq il-rakkomondazzjonijiet tieghu kif ukoll tintalab laqgha mal-*case officers* tal-MEPA.

**4 Programm ghal Jum il-Qala.**

4.1 Is-Sindku semma li l-progett tal-Belvedere ghandu jigi inawgurat f'Jum il-Qala. Il-Kunsill qabel ma dan.

**5 Gheluq il-mitt sena ta' Karmena Vella.**

5.1 Is-Sindku semma li Karmena Vella residenti l-Qala ser taghlaq 100 sena nhar is-27 t'April 2016. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi ordnat *cake* u bukket ward li ghandhom jinghataw wara l-quddiesa li tkun fis-7:00 ta' filghaxija.

**6 ECAD Laqgha tas-Sindki 9-10 ta' Mejju 2016.**

6.1 Gie trattat l-invit tal-ECAD dwar laqgha tas-Sindki li ser isir bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2016. Is-Sindku semma li huwa mhuwiex ser jattendi u stieden sabiex imorru zewg membri mill-Kunsill.

**7 Hrug tal-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A), tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona B) u Servizz Professjonali ta' Avukat.**

7.1 Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A), tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona B) u Servizz Professjonali ta' Avukat.

**8 Skema Haddiema fil-Komunita`.**

8.1 Is-Sindku semma li s-sitt haddiema li qeghdin assenjati mal-Kunsill mill-skema xoghol fil-komunita` tal-ETC, issa gew assenjati mal-Kunsill *full-time* ma' skema haddiema fil-komunita`. Huwa semma li gie assenjat haddiem iehor mal-Kunsill li qed f'din l-iskema li jismu Frank Said u li qed jaghmel xoghol ta' tindif fi 'Gnien il-Familja'.

**9 Korrispondenza.**

9.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

9.2 Ittra mibghuta minn M Camilleri mill-MEPA dwar applikazzjoni PC 1316 dwar tibdil fil-linja tat-triq fi Triq Salvu Attard.

9.3 Ittra mibghuta mill-Arcipriet Dun Nazju Borg mill-Parrocca tal-Qala dwar l-illuminazzjoni tal-Knisja Parrokkjali. Is-Sindku semma li dan il-kaz kien gie solvut.

9.4 Gie trattat kopja tal-kuntratt li sar bejn il-Ministeru ghal Ghawdex, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-Kunsill Lokali Qala ghal-kostruzzjoni ta' *water culvert* f'parti minn Triq il-Kuncizzjoni.

9.5 Ittra mid-Direttur Mark Formosa mill-*Projects and Development Directorate* dwar xoghol ta' *embellishment* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien fejn il-Kunsill gie mitlub jekk jistax jiffinanzja *walkway* tal-injam li titpogga mit-triq ghall-bajja. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara kemm ser jigi jiswa l-ewwel, qabel ma tittiehed decizjoni.

Giet diskussa xi materja ohra:

Is-Sindku semma li saret laqgha ma Road Construction Co. Ltd., dwar il-kundizzjoni li huma ghandhom fil-permess tal-barriera tal-blat tal-qawwi dwar €4,660 fis-sena li jrid jaghti lill-Kunsill ghal manutenzjoni tat-toroq minn fejn jghaddu bit-trukkijiet taghhom Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Avkuta tal-Kunsill Dr Renata Formosa ghal Kunsill Lokali Qala u Joe Grima, Victor Hili u l-Avukat Carmelo Galea ghal Road Construction Co. Ltd. Is-Sindku semma li waqt il-laqgha gie diskuss il-permess li hareg issa huwa ghal hames snin u issa ser jibdew ipoggu Lm2,000 fis-sena ghand il-MEPA ghal manutenzjoni tat-toroq. Gie diskuss ukoll li ghandu jsir xoghol ta' manutenzjoni li jlahhaq is-somma ta' Lm10,000 (jigifieri Lm2,000 x 5 snin li jigu madwar €23,000). Huma qablu ghal dan imma ma qablux li l-Perit Edward Scerri ghandu jkun il-Perit li jiccertifika ix-xoghol ghalhekk ser jigi mqabbad il-Perit Godwin Aguis mill-Kunsill Lokali sabiex jiccertifika x-xoghol. Is-Sindku semma li hemm zewg ghazliet jew isir xoghol ta' *resurfacing* b'€20,000 u xoghol ta' *patching* bi €3,000 jew inkella l-ahjar li jsir xoghol ta' *resurfacing* b' €23,000. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir xoghol ta' *resurfacing* b' €23,000. Is-Sindku semma li ser jigi mfassal ftehim dwar dan l-arrangament miz-zewg avukati u jintbghat kopja lill-MEPA. Is-Sindku semma li l-ewwel ghandu jsir xoghol mill-fondi fuq imsemmija li huma ta' l-ahhar permess li nhareg ghal hames snin imbaghad wara wiehed ghandu jara dwar l-fondi li kellhom jitpoggew minn Road Construction Co Ltd lill-MEPA minn meta kienet saret din il-kundizzjoni fl-1998. Is-Sindku semma li dawn jistghu jkunu priskitti peress li ghaddew izjed minn sentejn. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li ghandha tintbghat ittra lill-MEPA sabiex il-Kunsill jara jekk hux intitolat ghal dawn il-fondi, li huma minn permessi ta' qabel, jew le u jara kemm hu intitolat. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar jekk kienx sar xi haga sabiex jinbidel it-tapit ta' taht il-bandli li hemm fil-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'. Gie diskuss li dan ghandu jithallas mill-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA Gie deciz ukoll li ghandu jigi mqabbad il-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara applikazzjoni ghal dan l-ghan. Is-Sindku semma li giet mnehhija z-zerzieqa peress li kienet miksura u kienet ta' periklu.

Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lit-Transport Malta dwar *double yellow lines* f'kull naha tal-*garage* 'Gerusalem', Triq Belvedere, Qala u sabiex isir *communal reserved parking* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill ircieva zewg ittra minghand il-*Head* Ruben Said mit-Transport Malta fejn il-Kunsill gie informat li t-Transport Malta ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal dawn it-talbiet.

QALA

Gew trattati zewg kontijiet tal-Perit William Lewis bin-numri 325/15 u 327/15 dwar *contract management services* fuq il-progett tal-Belvedere. Il-Kunsill qabel li ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-27 ta' Frar 2016 sat-30 ta' Marzu 2016 minn referenza numru 29/16 sa referenza numru 49/16 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 26/16 sa referenza numru 33/16 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 19 ta' Mejju 2016.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |